MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Numru 603/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**vs**
**Alston Abdilla**
**Roger Mahlangu**
**Christopher Sciberras**
**Cliff Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Alston Abdilla** ta' 20 sena, bin Paul u Mary nee' Aquilina, mwieled Pieta' nhar it-23 t' Ottubru, 1984 u residenti 'Darmar', Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 527384M;

**Roger Mahlangu** ta' 22 sena, bin Samson u Mary nee' Agius, imwieled Pieta' nhar id-9 ta' Jannar, 1983, residenti 'Temba', Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 65483M;

**Christopher Sciberras** ta' 32 sena, bin George u Rose nee' Muscat, imwieled Pieta nhar is-7 ta' Dicembru, 1972, residenti numru 265, Triq in-Naxxar, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 529272M;

**Cliff Borg** ta' 22 sena, bin Charles u Catherine nee' Attard, imwieled Pieta', nhar it-18 ta' Settembru, 1982, residenti 'Attard Flats', Flat 2, Triq Tonna, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 504382M;

Talli nhar l-10 ta' Lulju, 2005 gewwa Hal Balzan u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq il-persuna f'liema rewwixta jew glieda diversi persuni gew offizi fuq il-persuna,

2. m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluh waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jhedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

3. volotarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4. ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi.

5. naqsu li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom min diversi ufficjali tal-pulizija waqt li kienu

qed jaqdu id-doveri taghhom jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom

6. imbottajtu lil haddiehor fit-triq biex twegguh jew tinsultah

7. Alston Abdilla, Christopher Sciberras u Roger Mahlangu biss minghajr ma darbu jew sawwtu, heddu bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra diversi persuni.

Lil Alston Abdilla wahdu nakkuzah ukoll:

1. Talli nhar l-10 ta' Lulju, 2005 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6.45 p.m) gewwa Hal-Balzan, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Sciberras ta' 32 sena minn Hal-Balzan u ta' Joseph Camilleri ta' 61 sena minn Hal-Balzan, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-istess imputat

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hekk kontra Christopher Sciberras u Joseph Camilleri u diversi persuni ohra sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u ikkawzalhom feriti ta' natura hafifa.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura b'numru tar-registrazzjoni ABM-863, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Christopher Sciberras wahdu nakkuzah ukoll

1. talli nhar l-10 ta' Lulju, 2005 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6.45pm) gewwa Hal-Balzan, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alston Abdilla ta’ 20 sena, minn San Pawl, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-istess imputat

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hekk kontra Christopher Sciberras u Joseph Camilleri u diversi persuni ohra sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

3. f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kont fis-sakra b’mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek.

Lil Cliff Borg u Roger Mahlangu wehidhom nakkuzahom

1. Talli b’komplicita talli bil-hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Alston Abdilla ta’ 20 sena minn San Pawl il-Bahar, Christopher Sciberras ta’ 32 sena minn Hal-Balzan u ta’ Joseph Camilleri anzjan ta’ 61 sena minn Hal-Balzan, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ ta’ l-imputati.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija titratta mal-imputati Alston Abdilla, Cliff Borg u Roger Mahlangu talli huma recidivi b’diversi sentenzi tal-Qorti li huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti tista meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Alston Abdilla, Christopher Sciberras, Cliff Borg, Roger Maglangu u Joseph Camilleri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena torbot lil hatja b’obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta’ somma flus li tigi iffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-12 ta’ Lulju 2005 skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz

kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' kull imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza dwar incident li sehh waqt il-festa esterna ta' Hal Balzan fl-10 ta' Lulju 2005 gewwa u barra l-kazin tal-banda tal-Annunzjata. Kif jemergi mill-provi akkwiziti l-kwistjoni kienet bejn Alston Abdilla u Roger Mahlangu fuq naha kontra Christopher Sciberras u Cliff Borg fuq in-naha l-ohra. Tajjeb ghalhekk li jkun ezaminat l-allegat involviment ta' kull wiehed minn dawn l-imputati;

Fil-konfront ta' **Alston Abdilla**, jibda biex jinghad li dan kien sofra qasma fuq rasu u kellu bzonn ta' suturi sabiex jiddewwa (ara certifikat mediku fol 55). Is-Supretendent Neville Aquilina xehed (fol 71 *et seq*) illi kien informat bi glieda fil-kazin tal-Annunzjata u fi triqtu lejn il-kazin ra lil Christopher Sciberras u Cliff Borg niezlin jigru bid-demm hiereg minn fuq Sciberras. Borg kien qieghed jinsisti li jmorru lura biex ipattuha lil min ghamel dan. Appena wasal hdejn l-kazin, is-Supretendent Aquilina ra lil Alston Abdilla u lil Roger Mahlangu mizmuma mill-Pulizija milli jergghu jidhlu. Abdilla rikeb f'karozza, mieghu kien hemm Mahlangu u Abdilla saq b'lura b'mod eccessiv tul distanza ta' diversi metri. Ftit wara regghu gew lura fil-kazin u Abdilla kien arrestat izda kellha tintuza l-forza kontra tieghu ghaliex beda jirrezisti l-arrest. Dwar dan l-ahhar fattur xehed b'mod korroborattiv PS1122. Christopher Sciberras kien allega mal-Pulizija li Abdilla kien tah daqqa ta' flixkun go rasu u li kien taf daqqa ta' flixkun lura bi tpattija kif ukoll li Mahlangu kien hebb ghalih bi flixkun izda ma laqtux.. Sciberras fil-fatt kellu ferita hafifa konsistenti f'qasma f'rasu. Joseph Camilleri, ta' 61 sena membru tal-kumitat tal-kazin, kien sofra ferita hafifa konsistenti f'qasma f'xoftu. Fix-xhieda tieghu a fol 58 jghid li dak in-

nhar kien qala’ daqqa go wiccu minghand Alston Abdilla u jispjega li meta kien hdejn il-kazin *su riferit* ra lill-imputat gej fid-direzzjoni tieghu, n-nuccali li kien libes ix-xhud tar u spicca b’qasma f’xoftu u hadd hlief l-imputat Abdilla ma seta’ tah din id-daqqa. Mario Farrugia xehed illi kien fil-kazin San Gabriele u ra lil Abdilla u Mahlangu jixorbu hemm. Appena kellimhom u dawwar wiccu, ra flixkun gej fl-arja minn warajh. Hu staqsihom “mela hawn qeghdin tixorbu?” u dan ghaliex solitament jiffrekwantaw il-kazin ta’ faccata. L-Ispettur Rita Criminale xehdet li meta dahlet fil-kazin Annunzjata kien hemm Abdilla bil-qeghda fuq banketta u hdejh kien hemm tfajla, membri tal-kumitat u u guvni iehor. Hi harget ‘l barra persuna li dak il-hin kienet quddiem Abdilla izda fil-kazin beda jinstemgha tkissir ta’ hgieg. Meta inhareg kulhadd ‘l barra Abdilla ried jipprova jerga jidhol fil-kazin u meta pruvat twaqqfu, gholla idejh u qalilha “ahjar tersaq min nofs ghax” izda l-pulizija qabzu fuqu u zammewh. PS 586 xehed illi meta dahal fil-kazin ra lil Abdilla jaqla daqqa ta’ flixkun fuq wara ta’ rasu izda l-persuna li tah din id-daqqa ma setax jaghrfu fl-awla. Is-Segretarju tal-Kazin, John Cassar, xehed illi kien il-habta tal-hamsa u nofs ta’ wara nofsinhar meta dahal fil-kazin u inqalghet xi kwistjoni, mar izomm lil Christopher Sciberras u zelaq fuq xi silg li kien hemm mal-art. Dak il-hin Sciberras ma kellux dmija fuqu.

**Roger Mahlangu** kien fil-kumpanija ta’ Alston Abdilla tul dan l-incident. L-Ispettur Kevin J Farrugia (fol 39) xehed illi l-imputat l-iehor, Christopher Sciberras, kien infurmah li Mahlangu kien hebb ghalih bi flixkun izda ma laqtux. Meta kien arrestat, Mahlangu kien notat li kellu tmient icrieket kbar li flimkien kienu jiffurmaw qisu ponn tal-hadid u wiehed minnhom kien imcappas bid-demm. David Camilleri (fol 61) jghid li meta dahal fil-kazin ra lill-imputati kollha hlief lil Roger Mahlangu. Izda PS 586 jghid li meta dahal fil-kazin u ra glieda ghaddejja kien ra fosthom lill-istess Mahlangu izda lilu ma rah jaghmel xejn hlief li beda jindahal pero’ ma rahx jiggieled;

In rigward **Christopher Sciberras**, dan l-imputat ukoll sofra griehi ta’ natura hafifa konsistenti f’qasma f’rasu kawza ta’ daqqa ta’ flixkun waqt dan l-incident. L-ispettur

Kevin J Grech xehed li appena arrestat, l-imputat kien deher fis-sakra u b'atteggjament aggressiv. Anke waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija, l-imputat ttanta jhebb ghal Alston Abdilla li allegatament kien tah id-daqqa ta' flixkun. Hu kien stqarr mal-Pulizija dak il-hin stess li kien radd lura id-daqqa ta' flixkun li kien tah Alston Abdilla. Kif gia rilevat *supra*, Mario Farrugia xehed (fol 82 *et seq*) illi waqt li kien qed ikellem lil Alston Abdilla u Roger Mahlangu, ra flixkun gej fl-arja minn warajh. Ma hemm l-ebda referenza ghall-imputat Sciberras f'dan l-aspett tal-incident minkejja li kien qieghed fil-kazin dak il-hin. PS 586 (fol 111 *et seq*) jghid li ra lil Alston Abdilla jaqla' daqqa ta' flixkun f'rasu izda ma jghidx min hi l-persuna li tat din id-daqqa anzi jghid li ra lil din il-persuna izda ma kienitx fl-awla. John Cassar (fol 117 *er seq*) jghid li meta dahal fil-kazin u ra li kien hemm l-inkwiet, kien zamm lil Christopher Sciberras u kif gia intqal zelaq fil-process fuq xi silg u ilma li kien hemm mal-art.

**Cliff Borg** jidher li kien l-anqas wiehed involut f'dan l-akkadut. Dwaru jixhed l-Ispettur Kevin J Farrugia fejn a fol 40 jghid li ghall-ewwel il-Pulizija ma kienitx fi hsiebha tarrestah izda beda jtellef lill-Pulizija fix-xoghol taghha u fic-cirkostanzi kellha ukoll tarrestah u dwar dan beda jaghmel rezistenza. Mix-xhieda jirrizulta li Borg kien qieghed fil-kazin fejn sehhet il-glieda izda ma jirrizultax li kien partecipi. Fi kliem l-Ispettur Farrugia (fol 43) "ma stajtx nehles minn Cliff Borg minn fuq il-post biex jitlaq u jhallina nahdmu". David Camilleri, li jiggestixxi l-bar tal-kazin jghid li ma kienx cert jekk Cliff Borg kienx fil-kazin dak il-hin li inqalghet il-glieda. Is-Supretendent Neville Aquilina (fol 71 *et seq*) jghid li kien ra lil Christopher Sciberras u lil Cliff Borg barra l-kazin u Cliff Borg kien aktar anzjus minn Sciberras u beda jheggu biex jergghu lura halli ifittxu lill-aggressuri. PS 586 jghid li Cliff Borg kien fost dawk l-imputati li kienu involuti fil-glieda li kellhom ikunu separati.

Kif jemergi mill-provi, fid-data tal-10 ta' Lulju 2005 gewwa l-kazin Annunzjata f'Hal Balzan u cioe' fil-gurnata tal-festa ta' Hal Balzan, inqalet glieda fl-istess kazin fejn kien hemm madwar hmistax-il ruh. L-imputati, kif kellhom dritt

jaghmlu, ma xehedux f'dawn il-proceduri u l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda persuna li b'mod car setghet tghid kif inqalghet din il-glieda, min kien li ta inizzju ghaliha, min ippartecipa u min ikkaguna feriti lil min, fost ohrajn. Il-Pulizija, li dak il-hin kienet impenjata fiz-zamma tal-ordni waqt il-festa, dahlet fil-kazin appena bdiet il-glieda izda din damet biss ftit sekondi u ghalhekk ix-xhieda, kif del resto jidher minn dak fuq konsiderat, hija koncentrata fuq dak li gara wara;

**L-akkuzi**:

L-ewwel sitt akkuzi huma dedotti kontra l-imputati flimkien. L-ewwel akkuza certament ma tirrizultax mill-provi akkwiziti u dan ghaliex din kif ravvizata fl-artikolu 238 ma tirrizultax. L-artikolu 79 tal-Kapitolu 9 jikwalifika bhala rewwixta dik il-gemgha ta' tlett min nies jew aktar, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid u aktar. Kif gia ikkonsidrat minn din il-Qorti, minkejja li l-imputati huma erba' huma kienu maqsumin f'zewg gruppi ta' tnejn kontra xulxin. Huma qatt ma gew flimkien bl-iskop premeditat illi jqajmu glied, vjolenza u aktar ghaliex din kienet glieda bejn zewg gruppi ta' tnejn minn nies kull grupp f'kazin ta' hmistax-il ruh;

It-tieni u t-tielet akkuzi indubjament jirrizultaw pruvati bix-xhieda diretta tal-ufficjali tal-Pulizija. Ir-raba' akkuza kif ravvizata fl-artikolu 96(a) hija ukoll pruvata fil-grad rikjest mil-ligi billi z-zewg gruppi ta' imputati lkoll irrezistew l-arrest b'mod aggressiv li impenjat lill-Pulizija f-isforzi sabiex tikkontrolla lill-imptutati. Il-hames akkuza hija ripetizzjoni tat-tieni akkuza li taghhom gia instabu hatja l-imputati u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterju taghha; Is-sitt akkuza ma tirrizultax stante li ma ngiebet l-ebda prova f'dan ir-rigward. L-uniku prova li instemghet f'cirkostanzi simili kienet dik ta' Joseph Camilleri meta xehed li kif kien fejn il-bieb tal-kazin ra lil Alston Abdilla gej fid-direzzjoni tieghu minn gewwa u f'hin minnhom tar in-nuccali minn fuq wiccu u induna li kellu xoftu maqsuma. Dan jikkonferma biss li Alston Abdilla kien fuq gewwa meta hareg jigri fid-direzzjoni ta' Camilleri.

Kwindi hija din ir-raguni ghaliex ma tirrizutax pruvata is-sitt akkuza;

Fir-rigward tas-seba akkuza, ma jirrizulta ebda xhieda li minghajr ekwivoku tista' taccerta lil din il-Qorti li wiehed mill-imputati jew kollha kemm huma wadbu xi oggetti iebsa fid-direzzjoni ta' persuni ohra inkuzi tal-imputati l-ohra. Hemm min jghid li appena dawwar rasu ra flixkun gej fl-arja izda ma setghax jghid min tefghu. Dak li l-imputati setghu qalu lill-ufficjali tal-Pulizija ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti la darba ma kienx minnhom dikjarat f'dawn il-proceduri. Il-feriti tal-akkuzi, senjatament fuq Alston Abdilla u Christopher Sciberras kien allegatament kawzati minn daqqiet ta' flixken fuq rashom. Roger Mahlangu kellu sitt icrieket kbar f'subajh u wiehed minnhom imcappas bid-demm izda hadd mill-feruti ma ddeskriva feriti ta' natura diversa li setghu talvolta kienu kawzati minn daqqiet b'xi ponn tal-hadid. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, is-seba akkuza ma tirrizultax pruvata;

Alston Abdilla imbaghad ghandu iwiegeb wahdu dwar tlett akkuzi ohra. L-ewwel akkuza hija dwar attentat ta' rejat izda dan il-kap huwa kontradittorju ghaliex filwaqt illi huwa akkuzat ta' attentat huwa fl-istess kap akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Sciberras u Joseph Camilleri. Jidher li l-prosekuzzjoni riedet takkuza lill-Alston Abdilla b'attentat ta' ferita gravi, jew fl-aghar ipotezi, b'attentat t'omicidju, izda fl-istess nifs akkuzatu li kkaguna l-istess ferita gravi. Fl-ewwel lok, irrizulta mill-gbir tal-provi illi Christopher Sciberras u Joseph Camilleri issubew ferita ta' natura hafifa. Jekk Alston Abdilla kellu motiv kontra Christoper Sciberras, certament ma kellu l-ebda tali motiv kontra Joseph Camilleri li huwa evidenti li intlaqat minn Abdilla hu u hiereg mill-kazin. Huwa ghal dawn il-motivi li Alston Abdilla mhux qed jinstab hati ta' din l-akkuza. In rigward tat-tieni akkuza, din hija pruvata biss fejn si tratta ta' hebb u feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' Joseph Camilleri ghaliex l-aspetti l-ohra tal-akkuza ma jirrizultawx pruvati. Dwar it-tielet akkuza, l-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi s-sewqan perikoluz tal-imputat meta dan

dahal fil-vettura u saq b'lura ghal diversi metri b'rabja u qalb il-folla tal-festa.

In rigward ta' Christopher Sciberras, dan ukoll ghandu iwiegeb ghall-akkuzi wahdu. Dwar l-ewwel akkuza, u a skans ta' ripetizzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghal dak gia kunsidrat fil-konfront tal-ewwel akkuza kontra Alston Abdilla u ghall-istess ragunijiet ma ssibux hati taghha. Qed tilliberah ukoll mit-tieni akkuza ghaliex dan ma jistghax ikun akkuzat talli hebb kontra tieghu inniffsu kif ukoll ghaliex huwa pacifiku illi l-offiza fuq Joseph Camilleri saret minn Alston Abdilla oltre li ma ngiebet ebda prova li hebb kontra xi persuni ohra. Stante li tirrizulta l-akkuza ta' sokor fil-pubbliku, l-Qorti qeg issibu hati tat-tielet akkuza;

Cliff Borg u Roger Mahlangu huma akkuzati wahedhom b'komplicita fl-attentat ta' delitt li din il-Qorti baghet ma fehmitx sal-punt tas-sentenza u a skans ta' ripetizzjoni qed tiliberhom minn din l-akkuza.

Qabel tghaddi ghall-piena, l-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Alston Abdilla, Cliff Borg u Roger Mahlangu tali huma recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti li huma definitivi u ma jistghux ikunu mibdula. Dwar dan, il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputati kif ukoll is-sentenzi esebiti u jirrizulta illi l-imsemmija imputati huma recidivi fit-termini tal-artikolu 49 izda mhux fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 u dan skond l-insenjament kif jemergi mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell f-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Mario Chircop tas-17 ta' Novembru, 2006. Dik il-Qorti wisq gustament fissret d-dettami tal-ligi emergenti mill-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9. Din il-Qorti ghalhekk mhix prekluza milli tapplika id-dispost tal-artikolu 28A tal-Kap 9 jekk ikun il-kaz;

Ghalhekk qed issib lill-imputati hatja flimkien tat-tieni, tielet u r-raba akkuza u tilliberahom mill-ewwel, l-hames, s-sitt u s-seba akkuza.

Lil Alston Abdilla wahdu qed tilliberah mill-ewwel akkuza u ssibu hati tat-tieni u t-tielet wahda;

Lil Christopher Sciberras wahdu qed tilliberah mill-ewwel u t-tieni akkuza u ssibu hati tat-tielet akkuza;

Lill Cliff Borg u Roger Mahlangu flimkien mhux qed issibhom hatja tal-ewwel akkuza u tilliberhom minnha;

Rat l-artikoli 18, 338 (dd)(ee)(ff), 96, 339(1)(d) u 221 tal-Kap 9, 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65;

Stante li piena karcerarja ma tidhirx adatta fic-cirkostanzi, l-Qorti taghzel li tapplika l-piena tal-multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 u ghalhekk tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ disa’ mitt euro (€900) kull wiehed. Inoltre fil-konfront ta’ Alston Abdilla, filwaqt li tiskwlaifikah mil-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sena mil-lum, tobbligah ma jdejjaqx u/jew ma jimmolestax lil Joseph Camilleri fuq penali ta’ mitejn euro (euro 200) sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------